L-orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 7 ta' Marzu, 2003

## Tislija

Illum xtaqt inselli ghal tfajla ckejkna li m'ghadhiex tissemma. Tfajla bin-nokkli suwed li twieldet gewwa rahal imwarrab u warrbet lilha nnifisha mal-medda tas-snin. Niftakarha li kienet iggemma' l-fjuri slavag bi lwien differenti u b'ghozza kbira tehmizhom wahda wahda filwaqt li tahthom tikteb isimhom.

Niftakarha b'kurzità tisma' lil missierha jitkellem dwar kif minn zokk jew fergha tohrog sigra u minn zerriegha tohrog fjura.

Tfajla mdawra minn misteri ta' kif dak li jidher impossibbli u 'l boghod, jista' ftit ftit, jasal qrib bil-hidma u l-pacenzja. Tfajla li mnn dejjem staqsiet ghaliex filwaqt li ommha bil-kuruna tar-ruzarju, missierha tenna stejjer ta' zminijiet imghoddija li hawdu t-taghlim taghha.

Tfajla ckejkna li kienet twieghed lill-Bambin lejl wara lejl li lesta taghmel li milli tista' biex tkun tifla tajba u taghmel minn kollox biex tara d-dahka fuq fomm ommha u missierha. Missierha kien ferah meta qrat l-ewwel kelmiet bl-Ingliz – igeghilha ttennihom ghal darba tnejn donnu qed jaghtiha dik li hu qatt ma seta kellu.

Kull filghodu l-ewwel kelma taghha kienet tkun "Mà!" biex imbaghad kienet taqbad il-basket ta' l-iskola, u tidhol min-naha tal-bieb li fuqu kien hemm imnaqqax *girls*; biex dejjem tikseb gharfien gdid.

L-ewwel esperjenzi ta' kliem bl-ilsien Ingliz niftakar li kienu impressjonanti fuq mohh it-tfajla ckejkna. Izda ghalkemm ckejkna kienet determinata li tirrepetihom u fl-ahhar titghallimhom qisha mhix hi! Fuq il-bankijiet ta' l-iskola kienet tara li tlesti l-ewwel wahda, izda ghaliha kien importanti wkoll li ggib kollox tajjeb mhux billi tlesti l-ewwel wahda mill-klassi.

Kien hemm Richard u Annabelle, u Caroline li, gieli lestew qabilha, izda dawk kienu bravi wkoll! Kienet tilghab il-ballun mal-bniet tal-klassi fl-iskola tal-gvern li kienet tattendi, izda ma' l-ewwel indunat li l-loghob tal-ballun ma tantx kienet tajba fih. Izda fis-suggetti l-ohrajn kollha dejjem ghamlet hilitha u mxiet b'interess qawwi. Niftakarha tpingi "It-tifla ta' Gajru" u tipprova timmagina kif tkun tifla bhalha li ghadha kif qamet mill-mewt. Ippruvat tkun fidila kemm tista' lejn ir-realtà li mmaginat u l-istampa li hazzet ma kenitx wahda sabiha. Izda affrontat l-isfidi li tpingi r-realtà.

Niftakar li, it-tfajla ckejkna fl-ewwel esperjenzi taghha meta mic-cokon tar-rahal marret go skola sekondarja jisimha *Junior Lyceum* u, ghall-ewwel darba, iltaqghet ma' tfajliet ohra gejjin minn postijiet ohra ta' l-istess gzira.

L-esperjenza taghha ma kenitx sabiha ghall-ahhar meta ntebhet li dawk li kienet tahseb li huma shabha u mir-rahal taghha dawru lit-tfal tal-klassi kontra taghha.

Jum wara l-iehor issieltet halli tifhem ghaliex shabha kienu jittrattawha differenti, jippruvaw jaghmlulha hajjitha difficli. Ma sabitx twegiba. Izda sabet twegiba biss fiha nnifisha. Riedet tohrog mis-sitwazzjoni.

Imhabbitha lejn il-kotba kienet dejjem tizdied u titheggeg. Minn gewwa fehmet li s-soluzzjoni ghall-problemi taghha setghet issibha biss gewwa fiha jekk haddiehor ma kienx lest li jbiddel fehmtu.

Qatt ma setghet tifhem ghaliex dik il-mohqrija minghand dawk li stenniet li se jkunu hbieb. Ghamlet kemm-il darba tahdita maghha nnifisha ghax hbieb ma kellhiex. Kitbet xoghol ghall-ghalliem tal-Malti u ta' l-Ingliz, u qatt ma tathulu ghax bezghet li jinduna li kienet immaturat f'daqqa, forsi anke iktar minn haddiehor.

Illum l-istess xoghol jinsab mitluf ma' karti ohra ta' meta l-mohh kellu bilfors jimmatura mal-moghdija taz-zmien.

Il-hegga ghat-taghlim ta' l-ilsna u x-xewqa ghall-gharfien tal-fehma ta' pajjizi barranin baqghu dejjem jikbru.

L-ghatx biex it-twegiba ghaliex "dawk li jghixu hekk" u "ahna nghixu hekk", baqa dejjem joktor.

Niftakar ghalliem ihares b'hars ta' hlewwa lejha, issa, it-tfajla li, saret tifla maghmula, u hekk kif jaqla' ghajnejh minn fuq il-pitazz ta' quddiemu, jghidilha: "inti hierga". Dawk is-semplici kelmiet mas-simpatiji li bdew jinholqu bil-ftit il-ftit u jintwerew lejha minn shabha tal-kassi.

Griet lejn id-dar u qalet lil missierha li l-ghalliem ta' l-Ingliz kien qalilha li "hierga". Missierha ghal ftit mumenti hassu sultan u, dik it-tbissima li t-tifla xtaqet tara fuq fommu, regghet dehret ghal darb'ohra.

L-isfidi komplew jikbru u, wahda wara l-ohra, gew meghluba. Is-sahha u sbuhija gewwinija tat-tifla li, kellhom ikunu mill-inqas b'sahhithom daqs ir-realtà krudili li biha kienet imdawra, kibru flimkien bhalma d-dwieli jikbru mal-bghula taghhom u jghixu maghhom.

Grazzi ghal dawk it-tfajliet li sfidawha fi tfulitha, issoda t-twemmin gewwieni fiha nnifisha sakemm fl-ahhar fethet il-fjura. Il-maturità htieget iz-zmien, izda z-zmien ghadda bhalma dejjem jghaddi.

Lil din it-tfajla li, minn tfajla kibret ghal tifla, u wara ghal mara fuq il-bankijiet ta' l-università, u wahedha fit-toroq ta' artijiet imbieghda, tissielet biex tifhem ghal darb'ohra, ghax fid-dinja skond pajjizek int, nafha sew. Ghext hajti maghha. Is-sahha gewwinija taghha wasslitha fejn qatt ma bassret li setghet twassalha.

Izda, illum, it-tfajla ghebet. It-tifla wkoll. X'hin inhares lejn il-bixra ta' quddiemi fil-mera nipprova nhares go hbub ghajnejja stess – fil-fond, dejjem iktar fil-fond.

Nipprova nqis is-sahha gewwinija tieghi almenu fl-istess tul 'il gewwa sakemm harsti tara bil-quddiem 'il barra. Is-sahha dejjem toktor, izda, iktar kemm toktor, iktar jehtigilha toktor.

Nipprova nsib lil dik it-tfajla fuq il-bankijiet ta' l-injam jekk kinetx verament qieghda tipprova twassalni fejn wasslitni, izda qatt ma nhares lura. Nixtieq inkellimha, izda bl-istess hegga li pprovat titghallem l-ewwel ilsien barrani, il-mara ta' quddiemi, qieghda tipprova titghallem, illum, ilsna li jitkellmu bla ma jitkellmu – titghallem tifhem il-harsa tan-nies. Issejhilhom l-ilsna siekta. B'differenza wahda!

Illum, ma tistax tmur tifrah iktar ghand missierha u, twassallu l-ahbar, ghax missierha telaq u mar.

Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net